



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2092(BUD)

5.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Bagħits

dwar il-Bagħit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 - it-taqsimiet kollha
(2012/2092(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Salvatore Iacolino

PA_NonLeg

PE491.339v02-00

2/4

AD\911766MT.doc

MT

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċi mill-fatt li taħt is-subintestatura 3a l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira f'approprazzjonijiet ta' impenn meta mqabbel mal-2012; jinsisti li s-sena finanzjarja 2013 hija sena li tagħmilha ta' pont għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid;
2. Jitlob żieda baġitarja fil-programm għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE u, b'mod partikolari, għall-Parlament Ewropew;
3. Jinsisti li l-approprazzjonijiet tal-fondi tal-programm "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" għandhom ikunu konsistenti mal-ammonti previsti fl-ipprogrammar finanzjarju 2007-2013; jitlob li jiġi allokat sehem ibbilanċjat tar-riżorsi finanzjarji lill-Fond Ewropew għar-Rifuġjati u lill-Fond għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' paxjiżi terzi; jitlob allokazzjoni speċifika għall-iż-żvilupp ta' verifikasi fuq il-fruntieri li jikkunsidraw il-protezzjoni u li jirrispettaw għalkollox id-drittijiet fundamentali tal-migrant;
4. Jitlob riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-iskop tar-rilokazzjoni intra-UE tal-migrant;
5. Jirrakkomanda li parti sostanzjali tal-baġit għas-SIS II jinżamm frizervu sakemm jinkiseb progress operattiv u jkun hemm konformità mal-ippjanar finanzjarju;
6. Iqis li hu neċċessarju li titqiegħed frizervu parti kbira tal-linji baġitarji relatati mas-sigurtà interna sakemm jinkiseb eżitu sodisfaċenti dwar il-governanza ta' Schengen, wara d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti fil-15 ta' Ġunju 2012 li jimblukkaw ħames dossiers, inkluż il-baġit 2013, fir-rigward tas-sigurtà interna biex jesprimu nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-governanza ta' Schengen;
7. Jinnota li l-EASO hija aġenzija ġidida li għadha qed tikber u li l-Frontex għandu kompli ġgodda skont ir-Regolament emendat tiegħu; jinsisti li l-FRA, l-EASO u l-Frontex jingħataw riżorsi finanzjarji adegwati u l-personal meħtieġ biex iwettqu l-mandat u l-kompli kollha tagħhom;
8. Jikkunsidra li hu meħtieġ li jiżdied il-baġit għall-Europol, b'mod partikolari għaċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità li se jinħoloq dalwaqt, meta jitqies li l-ġlieda kontra c-ċiberkriminalità hija waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	3.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:
	44 1 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Edit Bauer, Simon Busuttil, Philip Claeys, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Ioan Enciu, Frank Engel, Monika Flašíková Beňová, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu, Anthea McIntyre, Louis Michel, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Rui Tavares, Nils Torvalds, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Evelyne Gebhardt, Monika Hohlmeier, Franziska Keller, Ádám Kósa, Marian-Jean Marinescu, Antonio Masip Hidalgo, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Marie-Christine Vergiat, Glenis Willmott
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Justas Vincas Paleckis, Iuliu Winkler